# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur DR. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, 13 ta' Marzu, 2024[1]

Avviz tat-Talba numru: 45/2021 CL

**Atlas Insurance PCC Limited (C5601) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Joseph Fenech (KI nru: 224151M) sija bil-polza u sija bil-ligi, u l-istess Joseph Fenech**

**VERSUS**

**Erjon Hasko (KI 204337A u LK Ltd (C-34234)**

Ra t-talba li giet ipprezentat fil-11 ta' Frar 2021 fejn is-socjeta rikorrenti Atlas Insurance PCC Limited talbet is-somma komplessiva ta' elf seba' mija u tlieta u sittin euro sebgha u tletin centezmu (€1763.37), jew somma ohra verjuri li tirraprezenta d-danni kollha sofferti minn Joseph Fenech wara incident li sehh fit-8 ta' Frar 2020 gewwa San Giljan. L-ammont jirraprezenta €200 excess li hallas ir-rikorrenti Joseph Fenech u €1563.37 li hallas r-rikorrenti Atlas Insurance PCC Ltd sabiex ghamlet tajjeb abbazi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip comprehensive. F'dan l-incident gaffa Bobcat, T-300 misjuqa minn Erjon Haska u propjeta' ta' LK Ltd, laqtet u kkawzat hsarat fil-vettura bin-numru ACM-124 propjeta' ta' Joseph Fenech u assikurata ma' Atlas PCC Ltd u dan stante li l-incident sehh b'tort tal-intimati minhabba negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolarmenti u/jew tal-obbligi legali taghhom. talbu sabiex l-intimati jigu ikkundanati jhalsu ukoll l-ispejjez kollha iinkluz l-ispejjes tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Novembru 2020 u l-imghax legali sad-data tal-halas effettiv.

Ra ir-risposta tas-socjeta konvenuta LK Ltd fejn preliminarjament dan it-Tribunal ma ghandhux kompetenza li jiehu kojizzjoni ta' din il-kawza ratione materiae a bazi tar-raba' skeda (artikolu 15) tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta u peress illi dan it-Tribunal m'huwiex Qorti m'ghandux jiskatta dak mahsub miz-zewg provisos tal-Artikolu 741. Illi s-socjeta konveuta m'ghandha ebda rapport guridiku mas-socjeta attrici jew l-attur u d-dritt t'azzjoni emergenti mill-incident huwa wiehed ta' danni akwiljani illi ghandhom jigi indirizzat lill-persuna li ikkawzat dawn id-danni u mhux il-propjetarju tal-vettura. illi l-allegazzjoni tar-

[1] B'digriet datat 17 ta' Gunju 2024, id-data tas-sentenza giet mibdula mill-21 ta' Frar 2024 ghal 13 ta' Marzu 2024 peress illi inghatat fit-13 ta' Marzu 2024.

responsabilita' hija ikkontestata, apparti li d-danni huma ezagerati u jehtieg aktar dettalji dwarjhom.

Fl-1 ta' Marzu 2023, xehdu Joesph Fenech u Rose Fenech. Joseph Fenech qal illi fit-8 ta' Frar 2020, kien qieghed jsuq il-vettura tieghu, Toyota Passo bin-numru ACM124 fit-Triq Forest Street, San Giljan u kellu l-mara tieghu passigiera. Kien hemm xi haddiema jahdmu fuq il-bankina fuq in-naha tax-xellug u kif wasal hdejhom daret gaffa zghira f'salt ghal fuqu u laqtu bil-banju ta' quddiem. Kif hareg mill-karozza ra li kellu hsara mal-bieba u mal-mudguard tan-naha tax-xellug u l-mara tieghu wegghet spallitha u kellu jehodha l-clinic. Fit-triq ma kien hemm ebda wardens jew sinjali u l-gaffa ma kellhiex number plate. Fil-kontro ezami qal illi kien hareg mill-garaxx u kien mexa kwazi it-triq kollu.

Rose Fenech xehdet illi hi kienet mar-ragel taghha fil-karozza Passo u kienu ghaddejin gewwa Forest Street u f'daqqa wahda daret gaffa ghal fuqhom u laqghtithom bil-bucket fin-naha tal-bieba taghha u l-mudguard. Kien qed jsir xoghol fuq il-bankina.Il-gaffa ma kellhiex number plate u marru jaghmlu rapport l-ghassa u l-pulizija kienu marru u hadu xi ritratti u kellmu lil haddiema. Huma kienu halsu €200 biex fethu l-claim mal Atlas. Fil-kontro ezami qalet illi kienu hargu mill-garaxx fi Triq Mensija u kienu mxew tlett kwarti ta' Forest Street u kienu ha jduru l-kantuniera. Ma tafx kemm kien hemm distanza imma t-triq twila mhux hazin. F'daqqa wahda il-gaffa qabdet u dahlet fuqhom fin-naha taghha fil-fatt kellha certifikat mill-clinic. Jidhrilha li meta rat il-gaffa mal-genb tat-triq kienet wieqfa.

Fir 2 ta' Mejju 2022 xehed PS687 stazzjonat San Giljan li esebizza rapport li hejja dwar l-incident mmarkat bhala BSV1. Fit-8 ta' Frar 2020, hu kien mar flimkien ma' PS516 fuq il-post tal-incident fejn kien hemm ragel barrani li kien qieghed jsuq bob cat zghir, li ma kellux number plate izda fuq il-genb kellu isem il-kumpanija LK Ltd u b'hekk huma cemplu lis-sid li kellu jirranga kollox. Hu ma kienx ha d-dettalji tas-sid, jista' jkun li kien hadhom is-surgent. L-impjegat ikkonferma illi kien jahdem ma' LK Ltd. Fid-19 ta' Ottubru 2022 xehdet Cher Carmen Fenech li hija deputat segretaru ezekuttiv tal-kunsill ta' San Giljan, li mill-verifiki li ghamlet irrizulta illi l-kunsill kien hareg permess lil Transport Malta ghal-perjodu bejn it-13 ta' Jannar u 6 ta' April 2020 u mill-20 ta' Jannar 2020 kienu ser jibdew ix-xogholijiet fi Triq Fortress mill-kuntrattur LK Ltd. Hi ipprezentat dokumenti Dok CF1 u CF2.

Fl-14 ta' Novembru 2022 xehed Ludwig Dimech, direttur tal-kumpanija LK Ltd li ikkonferma li Hasko Erjon kien impjegat ma' LK Ltd izda kien ilu aktar minn sena li telaq minn Malta. Hu ma kienx prezenti waqt l-incident izda gie infurmat illi waqt illi kienu qeghdin jahdmu fit-triq li kienet maghluqa ghadda l-attur wara li nehha l-barriers u laqtuh bil-bucket tal-gaffa. Triq Lapsi f'San Giljan kienet maghluqa ghax kienu qeghdin jaghmlu resurfacing tat-triq. Hu kellu assikarazzjoni fuq ix-xoghol li kienet ma' Elmo Insurance, izda ma kienux ghamlu claim peress illi l-persuna kienet nehhiet il-barriers u dahal kien qal illi ha jirranga hu u wara gimghatejn kienu cemplulu l-pulizija u Hasko mar

jaghtihom il-verzjoni tieghu. Fil-kontro ezami qal illi hu kien l-uniku direttur u azzjonist ta' LK Ltd u wara l-incident hu kien mar l-ghassa wara li bghatu ghalih il-pulizija, ma jiftakarx kemm wara l-incident. Dakinhar tal-incident ma kienx mar fuq il-post jew l-ghassa.

**Ikkonsidrat**

Illi mill-atti jirrizulta illi kien qieghed jsir xi xoghol fit-triq f'San Giljan u waqt illi l-assikurat tas-socjeta attrici, Joseph Fenech kien ghaddej fil-vettura tieghu ma' martu, bobcat (gaffa zghira) li kien hemm mal-genb tat-triq qabdet u daret u laqtet il vettura ta' Joseph Fenech.

Is-socjeta konvenuta ghajmet l-eccezzjoni li skond l-artikolu 1.2 tat-taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitragg;

*ghandhom jigu determinati f'arbitragg:-*
*tilwimiet dwar it-traffiku ta' vetturi bil-Mutur ....li torigina minn: a) kollizjoni bejn vetturi b) hsara involontarja fil-propjeta li tinvolvi il-vettur.*

Dan it-Tribunal jaqbel ma' din l-eccezzjoni u huwa tal-fehma li din it-talba taqa' fil-kompetenza tac-Centru tal-Arbitragg, ghalkemm ma jaqbilx illi t-Tribunal ma tistax tibghat l-atti lic-centru tal-Arbitragg sabiex jiehu konjizzjoni tal-kaz. Fil-fatt l-artikolu 741(b) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

*Meta, għalkemm ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta ,il-kawża tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha:*

*Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet incamera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta'dik il-kawża:*

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta illi dan it-Tribunal m'ghandux guriZdizzjoni li jisma' din il-kawza u a bazi tal-Artikolu 741(b) jibghat l-atti lic-Centru tal-Arbitragg sabiex jiehdu konjizzjoni ta' din il-kawza.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**